MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 418/2010

**A B**
**Vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici fit-3 ta' Dicembru, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mCat Dok A;
2. Illi l-partijiet ma ghandhomx tfal;
3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall kopja ta' liema hija annessa u mCata Dok B;
4. Illi l-kunsens tal-partijet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha,

u / jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha imposssibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
5. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tas-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) huwa null u minghajr effett fil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi kellha biss sittax il-sena meta iltaqghet mal-konvenut u li xahrejn wara li bdiet tkellmu kien miet missierha, persuna li iddeskriviet bhala l-iktar persuna importanti f'hajjitha. Hija xehdet illi meta miet missierha, illi dejjem ipprotegiha u solvilha il-problemi kollha li kien ikollha, hasset vojt kbir f'hajjitha u hasset illi kellha bzonn timla dan il-vojt kemm jista jkun malajr. Kien ghalhekk illi l-konvenut f'dak iz-zmien krucjali ta' hajjitha sar sostitut ghal missierha. Wara il-mewt ta' missierha f'incident awtomobilistiku, omm l-attrici bdiet tghid lill-konvenut sabiex jorqod id-dar taghhom u ghalhekk l-attrici filli kienet qegdha tghix hajja normali ta' teenager u filli bdiet tghix mal-konvenut daqs li kienu kienet mizzewga

mieghu fid-dar tal-genituri taghha. L-attrici xehdet illi hafna nies kienu jghidulha illi l-konvenut kien jixbah lil missierha u din ukoll ghinet sabiex l-attrici aktar bdiet tahseb lill-konvenut bhala sostitut ghal missierha u dana peress illi, skond kif xehdet hi stess, ma setghetx taffaccja ir-realta illi missierha kien miet. Hija xehdet illi ma habbitx lill-konvenut bhalma mara ghandha thobb lil zewgha, izda daqs li kieku kien huha u qalet illi ma kienitx taf ghal x'hiex kienet diehla meta izzewgitu. Hija kienet biss tirrispettah, izda ma kienitx thobbu. L-attrici kompliet tixhed illi hi u il-konvenut ma riedux tfal fiz-zwieg u ghalhekk kienu dejjem joqghodu attenti ferm illi hi ma tinqabadx tqila u dana peress illi, kif xehdet l-istess attrici, hi kienet taf mill-bidu nett taz-zwieg illi l-affarijiet ma kienux kif suppost. L-attrici kompliet tixhed illi qabel iz-zwieg hi u il-konvenut kienu xtraw appartament, izda hija xorta wahda kienet telqitu ghal perjodu ta' xahar. Dak ix-xahar il-konvenut kien icemplilha kontinwament u in-nies kienu jghidulha illi kien dhuli hafna, ommha kienet taghmel l-istess u kienet heggitha hafna sabiex tirranga mieghu u hija fil-fatt hekk ghamlet u sena wara izzewgitu.

Illi xehdet habiba tal-attrici Susan Mallia, illi qalet illi ilha habiba tal-attrici sa minn meta kienu tfal. Hija xehdet illi kienet taf sew dwar ir-relazzjoni illi kellha l-attrici mal-konvenut u ikkonfermat ix-xhieda tal-attrici fis-sens illi meta miet missier l-attrici b'mod tragiku il-konvenut mill-lejl ghan-nhar sar ir-ragel tad-dar, beda jorqod fid-dar ta' omm l-attrici u kien sar speci ta' sostitut ghal missier l-attrici. Hija xehdet illi l-attrici kienet trawmatizzata minn dak illi kien gara lil missierha u effettivament meta bdiet toqrob id-data taz-zwieg l-attrici kienet telqet lill-konvenut, izda wara ftit kienet regghet irrangat mieghu u eventwalment izzewgitu. Susan Mallia kompliet tixhed illi peress illi kienu hbieb tal-qalb u inzertaw izzewgu kwazi fl-istess zmien, kemm ix-xhud u zewgha u l-attrici u il-konvenut kienu marru ghall-honeymoon flimkien u setghet tinduna illi l-affarijiet bejn l-attrici u il-konvenut ma kienux normali. Kienet tara illi kienu qeghdin jikkomportaw ruhhom qishom kienu ahwa u mhux mizzewgin friski. Meta kienu johorgu jieklu flimkien waqt il-honeymoon, kienet tara illi l-partijiet bil-kemm kienu jitkelmu. Ix-xhud

kompliet tghid illi fl-ahhar ftit zmien taz-zwieg taghhom il-partijiet kienux jghixu hajja separata u illi meta l-attrici qaltilha finalment illi kienet ser tissepara minn mal-konvenut dehret ferm kuntenta u dehret ukoll illi regghet saret bniedma hielsa. Ix-xhud qalet illi l-attrici izzewget lill-konvenut anke peress illi hassitha kolpevoli jekk ma tizzewgux peress illi tant kien ghamel maghha u mal-familja taghha meta miet missierha, izda meta izzewget kienet irrealizzat illi iz-zwieg taghhom kien zball.

Ikkunsidrat :

Illi din ix-xhieda ta' l-attrici giet ikkonfermata wkoll minn ohtha Claire Ward B u minn habib iehor taghha Andrew Ward, kif ukoll minn ommha Antoinette B illi xehdet illi kienet talbet lill-konvenut sabiex jibda jorqod ghandhom id-dar wara li kien miet zewgha tragikament u hassitha protetta minnu wara li miet zewgha. Omm l-attrici xehdet illi kienet inkorragiet lill-konvenut sabiex jibqa jghix maghhom u hija bdiet tittrattah bhala binha u kienet anke inkorragiet ferm lil bintha sabiex tizzewweg lill-konvenut. Antoinette B xehdet illi bintha kienet qaltilha qabel ma izzewget lill-konvenut illi ma kienitx thobbu bhala zewgha, izda bhala huwa, izda hi kienet inkorragietha sabiex tizzewgu u li qatt ma kienet ser issib lil xi hadd bhalu. Bintha kienet ghadha zghira u immatura u kienet izzewgitu, izda wara irrealizzat illi z-zwieg taghhom ma setghax jirnexxi u dana peress illi qatt ma kienet habbitu bhala zewgha.

Illi l-Qorti semghet ukoll lill-konvenut jixhed. Huwa ikkonferma illi meta miet missier l-attrici tragikament huwa spicca illi ha ir-rwol ta' missierha u fuq insistenza ta' ommha beda jorqod fid-dar taghhom. Il-konvenut ikkonferma illi huma kienu hassew li ma riedux illi ikollhom tfal u xehed illi huwa hass illi kienu izzewgu mhux ghaliex kienu jinhabbu, izda ir-relazzjoni taghhom kienet biss ta' hbiberija. Huwa xehed illi anke beda jahdem fl-agenzija ta' l-ivvjaggar li kellhom u minkejja il-fatt illi l-attrici kienet telqitu ftit qabel ma kellhom jizzewgu, hija kienet regghet irrangat mieghu, izda kienet qaltlu illi hasset li kienet zghira wisq sabiex tizzewgu. Madanakollu xorta finalment

iddecidiet illi tizzewgu. Il-konvenut xehed illi huwa beda jabita fid-dar tal-attrici sa minn meta l-attrici kellha biss sittax (16) il-sena. Il-konvenut xehed illi huma ma kellhomx hsieb illi ikollhom tfal u kienu johorgu, izda kienu dejjem kwazi ikunu fil-kumpanija tal-hbieb u mhux wahedhom. Il-konvenut xehed ukoll illi ma kienx hemm ‘family time’ bejnu u bejn l-attrici, izda kien biss mohhom biex johorgu mal-hbieb.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ippremettiet illi z-zwieg bejnha u il-konvenut ghandu jigi dikjarat null peress illi l-kunsens tal-kontendenti ghaz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essezzjali taz-zwieg, l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi kif gie affermat skond gurisprudenza kostanti ikun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jirrizulta illi :

“fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.”

Il-Qorti f’dan ir-rigward rat sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fis-26 ta’ Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo.

Illi fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Novembru 1995 moghtija fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri, il-Qorti iddecidiet illi “decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.”

Illi minkejja il-fatt illi l-Ligi ma tispecifikax x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali ta' zwieg, skond gurisprudenza kostanti dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni fir-rigward tal-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni. Il-partijiet qatt ma kelloh tfal u irrizulta illi l-attrici kienet ta' spiss tgħid lill-konvenut illi ma rieditx tfal u ma specifikatx illi riedet illi jkollhom it-tfal wara certa zmien, izda bhal donnu il-kwistjoni tat-tfal ma kellha l-ebda importanza fiz-zwieg bejn il-kontendenti.

*2.* L-obbligazzjoni tal-kommunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel. Il-Qorti tara li dan l-element kien ghal kollox nieqes minn dan iz-zwieg kif amettiet l-istess attrici meta xehdet illi hija qatt ma habbet lill-konvenut, izda kienet biss tirrispettahu izzewgitu peress illi ghaliha kien is-sostitut ghal missierha u specjalment minhabba il-fatt illi ommha kienet dahlitu f'hajjithom u f'darhom wara li miet missierha bhala speci ta' sostitut.

*3.* Il-mutual well-being, illi ghandu jinghaqad ma ambjent li iwassal ghall-prokreazzjoni u ghall-edukazzjoni ta' l-ulied. Dan l-element ukoll ma giex sodisfatt peress illi kif diga intqal il-partijiet ma kellhomx tfal u lanqas ma riedu ikollhom tfal ghalkemm ma eskudewhomx b'mod permanenti.

4. L-obbligazzjoni li jircievu u irrabbu l-ulied fl-ghaqda ta' kommunita ta' zwieg. Illi kif diga intqal irrizulta illi l-partijiet ma kellhomx tfal u l-attrici xehdet illi hija ma rieditx illi jkollha tfal u il-konvenut donnu lanqas insista ghat-tfal.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, kif ukoll fuq id-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi gie ippruvat illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, kif ukoll fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, izda ma giex ippruvat illi xi hadd mill-partijiet kellu il-kunsens tieghu vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tas-6 ta' Ottubru 2002 huwa null u minghajr effett fil-Ligi peress illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.  Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------